


PARLAMENT EWROPEW



AĠENDA

It-Tnejn 31 ta' Marzu 2025



Spjegazzjoni tal-proċeduri

Sakemm il-Parlament ma jiddisponix mod ieħor, it-testi eżaminati jgħaddu għall-votazzjoni fl-ordni li ġej:

1. It-tielet qari

- Proċedura leġiżlattiva ordinarja (★★★III)
maġġoranza tal-voti mitfugħa sabiex jiġi approvat it-test konġunt

2. Approvazzjoni

- Proċedura ta' approvazzjoni (★★★)
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament meta rikjesta mit-Trattati sabiex tiġi adottata jew miċħuda d-deċiżjoni li tagħti l-approvazzjoni

3. It-tieni qari

- Proċedura leġiżlattiva ordinarja (★★★II)
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni tal-Kunsill
maġġoranza tal-voti mitfugħa sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni tal-Kunsill

4. Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

- Emendi għar-Regoli ta' Proċedura
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament sabiex jiġu adottati emendi
maġġoranza tal-voti mitfugħa sabiex tiġi adottata l-proposta għal deċiżjoni

5. L-Ewwel qari

- Proċedura leġiżlattiva ordinarja (★★★I)
maġġoranza tal-voti mitfugħa sabiex tiġi approvata jew emendata l-proposta leġiżlattiva
maġġoranza tal-voti mitfugħa sabiex jiġi approvat l-abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva

6. Approvazzjoni

- Proċedura ta' approvazzjoni (★★★)
il-maġġoranza tal-voti mitfugħa meta rikjesta mit-Trattati sabiex tiġi adottata jew miċħuda d-deċiżjoni li tagħti l-approvazzjoni

7. Proċeduri oħra

- Proċedura ta' konsultazzjoni (★)
maġġoranza tal-voti mitfugħa sabiex tiġi approvata jew emendata l-proposta leġiżlattiva
maġġoranza tal-voti mitfugħa sabiex jiġi approvat l-abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
- Oħrajn (dikjarazzjonijiet, mistoqsijiet orali, rapporti ta' inizjattiva, tneħħija tal-immunità)
maġġoranza tal-voti mitfugħa sabiex tiġi adottata l-mozzjoni għal riżoluzzjoni jew il-proposta għal deċiżjoni

It-Tnejn 31 ta' Marzu 2025

17.00 - 23.00

Dibattiti

17.00 - 23.00

- 1 • **Tkomplija tas-sessjoni u ordni tal-ħidma**
- 22 🕒 • **Linji gwida għall-Baġit 2026 - Taqsima III**
Rapport: Andrzej Halicki (A10-0042/2025)
Rapport dwar il-linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-Baġit 2026, Taqsima III - Il-Kummissjoni
[2024/2110(BUI)]
Kumitat għall-Baġits
Il-votazzjoni se ssir l-Erbgħa
- 56 • **Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti**
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni
[2025/2634(RSP)]
- 41 • **Il-Boxxla Kulturali Ewropea bħala xprun għall-kompetittività u r-reżiljenza ekonomiċi**
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni
[2025/2600(RSP)]
- 54 • **Is-sitwazzjoni tal-akkademiċi u r-riċerkaturi Ewropej fl-Istati Uniti u l-impatt fuq il-libertà akkademika**
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni
[2025/2632(RSP)]
- 75 • **Il-ħtieġa li jiġi żgurat il-pluraliżmu demokratiku u li jissaħħu l-politiki dwar l-integrità, it-trasparenza u kontra l-korruzzjoni fl-UE**
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni
[2025/2650(RSP)]

Preżentazzjonijiet qosra tar-rapporti li ġejjin:

- 27 ★★ ★I • **Pjattaforma komuni tad-data dwar is-sustanzi kimiċi, l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u prospettiva għas-sustanzi kimiċi**
Rapport: Dimitris Tsiodras (A10-0018/2025)
Rapport dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjattaforma komuni tad-data dwar is-sustanzi kimiċi, li jistabbilixxi regoli biex jiġi żgurat li d-data li tinsab fiha tkun traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli u li jistabbilixxi qafas ta' monitoraġġ u prospettiva għas-sustanzi kimiċi
[COM(2023)0779 - C9-0449/2023 - 2023/0453(COD)]
Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel

- 17 ★★★I • **L-attribuzzjoni mill-ġdid ta' kompiti xjentifiċi u tekniċi lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi**
Rapport: Dimitris Tsiodras (A10-0019/2025)
Rapport dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-attribuzzjoni mill-ġdid ta' kompiti xjentifiċi u tekniċi lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi
[COM(2023)0781 - C9-0448/2023 - 2023/0454(COD)]
Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel
- 16 ★★★I • **L-attribuzzjoni mill-ġdid ta' kompiti xjentifiċi u tekniċi u t-titjib tal-kooperazzjoni fost l-aġenziji tal-Unjoni fil-qasam tas-sustanzi kimiċi**
Rapport: Dimitris Tsiodras (A10-0020/2025)
Rapport dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 401/2009, (UE) 2017/745 u (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-attribuzzjoni mill-ġdid ta' kompiti xjentifiċi u tekniċi u t-titjib tal-kooperazzjoni fost l-aġenziji tal-Unjoni fil-qasam tas-sustanzi kimiċi
[COM(2023)0783 - C9-0447/2023 - 2023/0455(COD)]
Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel
- 2 • **Diskorsi ta' minuta (Artikolu 179 tar-Regoli ta' Proċedura)**